# Kollezzjoni

Żgur li ħafna minnha ġieli bdew xi kollezzjoni ta' xi ħaġa. Aktarx li meta konna tfal ilkoll konna nġemmgħu xi ħaġa jew oħra. Forsi konna nixtri r-ritratti tal-plejers tal-futbol u nwaħħluhom f'album u sena wara sena nibnu kollezzjoni ta' dawn l-albums. Il-bniet aktarx ma kinux iġemmu dawn ir-ritratti u għalhekk kelli l-impressjoni li l-kollezzjonijiet huma aktar marbutin mas-sess maskil, iżda maż-żmien indunajt li kont żbaljat.



## Bolli

Aktarx li l-akbar kollezzjonisti huma dawk tal-bolli. Billi kull pajjiż għandu s-servizz postali tiegħu, joħorġu bosta settijiet ta' bolli madwar id-dinja kollha u għalhekk faċli wieħed, jew waħda, jitħajjar jibda dan id-delizzju tat-tifdil tal-bolli. Malta għandna fama li joħorġu bolli varjati u sbieħ u għalhekk huma mfittxija mill-filatelisti, kif jissejħu dawk li jġemmgħu l-bolli. Il-Belt tal-Vatikan ukoll toħroġ għadd tal settijiet ta' bolli ta' kull sena u jingħad li dawn huma sors ta' dħul biex jitħallsu l-ħaddiema li jaħdmu ma' din il-belt stat.

Il-filatelisti jfittxu dak li jissejjaħ il-first day cover, jiġifieri li l-bolli tagħhom ikollhom it-timbru fuqhom bid-data tal-jum li ħarġu fiċ-ċirkolazzjoni. B'timbru bħal dan, il-valur tal-bolla jiżdied. Waħda mill-akbar kollezzjonijiet tal-bolli nsibuiha fl-Istati Uniti. Hemmhekk hemm mużew mimli b'xejn inqas minn sitt miljun bolla minn madwar id-dinja kollha.

Aktarx li l-akbar kollezzjonisti huma dawk tal-bolli. Billi kull pajjiż għandu s-servizz postali tiegħu, joħorġu bosta settijiet ta' bolli madwar id-dinja kollha u għalhekk faċli wieħed, jew waħda, jitħajjar jibda dan id-delizzju tat-tifdil tal-bolli.

## Muniti

Kollezzjoni oħra wkoll popolari hija dik li tissejjaħ numismatika, li tfisser it-tifdil tal-muniti ta' flus. Ngħid għalija kull meta nsiefer għadni sal-lum niġbor xi muniti tal-post li nżur u nżommhom f'kaxxa. Mhux qed ngħid li għamndi xi kollezzjoni prezzjuża, imma lili tfakkarni fil-pajjiżi li nkun żort. Illum billi parti kbira tal-Ewropa hija fiz-zona Ewro, tlift xi ftit mill-interess, biss anke l-Ewro jista' jifforma parti minn kollezzjoni ta' muniti għax wara kollox quddiem huma kollha xorta biss fuq wara kull pajjiż għandu d-disinn tiegħu, Barra minn hekk minn żmien għal żmien jinħarġu muniti ta' żewġ Ewro biex jitfakkar xi avveniment u allura tinħareġ munita differenti fuq wara tagħha.

Tajjeb insemmu xi kollezzjonijet famużi fid-dinja. F'Washington DC insibu n-National Numismatic Collection li fiha aktar minn miljun u sitt mitt elf munita differenti. F'San Pietruburgu, sewwasew fil-mużew insejjaħ Eremitaġġ, (li dwaru kont ktibt artiklu f'dan il-ġurnal fl-14 ta' Ottubru 2017) insibu kollezzjoni ta' muniti li fiha madwar miljun u mija u ħamsa u għoxrin elf biċċa. Insemmi wkoll il-mużew Brittaniku fejn hemm madwar miljun munita.

## Bajd

La semmejt San Pietruburgu ma nistax ma nsemmix il-mużew li jissejjaħ Faberge. Dan huwa l-post fejn wieħed jista' jara kollezzjoni ta' bajd mhux tat-tiġieġ jew ta' xi għasfur ieħor imma bajd taċ-ċeramika jew ta' xi materjal prezjuż li tant huma popolari ġewwa r-Russja. Dan il-bajd hemm minnu mżejjen b'deheb u ħaġar prezzjuz li ħafna minnu kien xi riġal ta' xi peruna li tappartjeni għall-familji rjali tal-pajjiż. Dawn il-bajd kienu kollha maħdumin mid-ditta ta' Gustav Faberge u għalhekk dan il-mużew iġib ismu.

## Santi

Kien hemm żmien li mal-pakketti taċ-ċikwejra kien ikun hemm xi santa ta' xi qaddis. Illum ħafna lanqas biss jafui x'inhi ċikwejra. Din kien prodott li jitħallat mal-kafe. Ma nafx kemm hawn minna li jiftakru dawn is-santi. Jien ma niftakarhomx, imma naf li kien hawn min ifaddalhom u min għandu xi kollezzjoni bħal din illum tiswa kemm tiswa. Naf min jagħmel kollezzjoni tas-santi, mhux minn dawk taċ-ċikwejra imma santi li ssib f'xi knisja. Hawn min jiġbor is-santi tal-mejtin u tarah imur fejn ikun ajf li hemm xi funeral biex jiddobba xi santa oħra għall-kollezzjoni tiegħu.

F'dan il-qasam ukoll hawn kollezzjonijet ta' livell għoli li llum nistgħu nsejħulhom patrimonju. Aktar ma jgħaddi żmien dawn is-santi aktar qed isiru rari. Jien niftakar li meta konna tfal kull qasam tal-Museum kien ikollu daqsxejn ta' vetrina li fiha jkun hemm is-santi għall-bejgħ. Naħseb li din il-ħaġa llum ma għadekx issibha.



Fr Reno Muscat
renosop@gmail.com

## Ta' kollox

Kieku kelli nibqa' nikteb dwar kollezzjonijiet li nsibu fid-dinja lanqas qatt ma nieqaf għax tant hawn min ifaddal ħwejjeġ differenti: arloġġi, tazzi, fliexken, inbid, statwi, pupi tal-kostum, armi, ash trays, key rings, ikoni, basktijiet tal-plastik, li llum naqsu ħafna mill-idejn, tappijiet tal-fliexken tax-xorb minerali, pakketti tas-sigaretti, kaxxi tas-sulfarini u nsomma nistgħu nibqgħu sejrin bil-lista u ma nispiċċaw qatt.

Kollezjoni tista' tibda minn xi ħaġa ċkejkna, anzi, aktarx li b'hekk tibda, imma naqra naqra, ħaġa wara ħaġa tista' tinbidel f'kollezzjoni interessanti u forsi anke prezzjuża. Il-kollezzjonist tant jidħol fl-ispirtu tal-kollezjoni li jibda jixxennaq li jkompli jkabbar il-kollezzjonin tiegħu. Kollezzjoni tista' tkun ukoll passatemp.

U inti tfaddal xi ħaġa? Jekk le, ipprova ibda kollezzjoni ta' xi ħaġa.